**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 12

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 23 ta' Marzu 2020

Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti ta' COVID-19, il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn fit-3.30 ta' wara nofsinhar b'permezz ta' Microsoft *teams*. Din il-laqgħa saret onlajn in-regola ma' Direttiva 2/2020.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Calcedonio Cini – Kunsillier (Ittra Annessa)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Is-Sindku qal li l-kunsillier is-Sur Calcedonio Cini ma setatx inkun preżenti għal din il-laqgħa onlajn minħabba diffikultajiet tekniċi u talab lil kunsill biex ikun skużat. Ittra ta' apoloġija tas-Sur Cini annessa.

12.1.2 Il-Kunsill unanimament approva l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Cini.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 11

12.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ħdax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

12.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

12.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, il-minuti ġew approvati unanimament. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn dawn il-minuti ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jiffirmaw il-minuti.

## 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku tkellem fuq ir-re-surfacing ta' Triq Preziosi sqaq nru 2 fejn huwa qal li dan ix-xogħol kien skedat biex jibda fl-20 ta' Marzu 2020. Iżda minħabba s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19 u fuq parir li ngħata lil kunsill mingħand il-perit u kif ukoll mingħand il-kuntrattur, dan ix-xogħol ma bedix f'din id-data kif kien skedat. Il-Kunsill qed iżomm kuntatt kontinwu mal-perit dwar dan u kif il-perit itina parir li nistgħu nipproċedu, dan ix-xogħol ser jibda minnufih.

12.3.2.1 Is-Sindku ta update dwar it-tranġar tal-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni mit-Torri l-isfel. Huwa qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħa mal-inġinier ta' *Infrastrucutre Malta* Fredrick Azzopardi, fejn is-Sur Azzopardi kkonferma li *Infrastrucutre Malta* żgur ser tgħin lil kunsill fit-tranġar ta' dawn il-bankini. Is-Sindku reġgħa spjega kif pero *Infrastrucutre Malta* qed toffri li tirranġa dawn il-bankini bit-*tarmac* biss u jekk il-kunsill ma jridomx bit-tarmac iżda bil-madum naturalment il-kunsill ikun rrid joħroġ id-differenza tal-ispiża tal-madum.

12.3.2.2 Infatti s-sur Dalli qal li bħalissa qiegħed fil-proċess li jġib stimi ta' madum simili li jaqbel mal-kumplament tal-istruttura tal-bankini eżistenti. Dan biex qabel ma jerġa jikkonsulta ma' *Infrastructure Malta* l-kunsill jiddeċieda jekk mhux *worth it* joħroġ id-differenza tal-flus biex il-bankini jsiru bil-madum fuq bażi tal-istimi li jkun akkwista s-sindku.

12.3.2.3 Is-Sur Dalli kompla jgħid li waqt dan il-*meeting* li sar ma' IM, talab ukoll lis-Sur Azzopardi għajnuna biex isir wiċċ ġdid bit-*tarmac* għal dak l-isqaq iż-żgħir li hemm jinfed bejn Triq Sant Andrija u Triq Tal-Mirakli. Il-Ftehiem kien li kif il-kuntratturi ta' IM li kumbinazzjoni qiegħdin jaħdmu fuq r-*resurfacing* ta' Triq Annibale Preca jlestu, dawn għandhom jaħdmu fuq r-*resurfacing* ta' dan l-isqaq iż-żgħir li jinsab fil-viċinanzi. F'isem IM is-Sur Azzopardi kkonferma li IM ser toffri l-għajnuna tagħha biex isir wiċċ ġdid għal din l-isqaq biss bil-patt u l-kundizzjoni li l-kunsill jrid joħroġ l-ispiża tat-*tarmac*.

12.3.2.4 Waqt dan il-*meeting* saru wkoll taħdidiet biex mal-lista ta' toroq ġodda li qed timplementa IM jiżdiedu żewġ toroq oħra fi Ħal Lija li huma Triq Ramiro Barbaro u Triq il-Mitħna. Is-Sindku qal li l-istat ta' dawn iż-żewġ toroq sar wieħed diżastrus ħafna u s-Sur Azzopardi ukoll aċċetta li IM tieħu nota ta' dawn iż-żewġ toroq biex eventwalment isirilhom wiċċ ġdid.

12.3.2.5 Is-Sindku nforma wkoll li waqt dan il-*meeting* reġgħa qam il-punt fuq ir-*resurfacing* ta' Triq il-Kbira fejn is-sindku reġgħa speċifika mas-sur Azzopardi li Triq il-Kbira tibda propju minn fejn l-ispiżerija li hemm fil-pjazza sat-T*hree* villages bar u mhux fejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija kif qed tirreferi għaliha IM. Is-Sindku qal li fejn iċ-ċimterju t-triq għadha sew u milix li ġiet rranġatha minn IM. Is-Sur Azzopardi għandu jiċċekja eżatti mal-kollegi tiegħu dwar dan u

jerġa jkellem lil kunsill kif ikollu risposta dwar liema parti tat-triq huma qed jirreferu għaliha meta jgħidu Triq il-Kbira.

12.3.3 Is-Sindku qal li reġgħat ħarġet għal darb oħra opportunita ta' fondi ta' EU taħt miżura 4.4 tal-Ħitan tas-sejjieħ. Huwa qal li kif ġie kkomunikat lilom b'permezz ta' imejl li ntbagħtet mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, il-kunsill ser jerġa japplika għal fondi taħt din il-miżura biex jiġi rranġat il-ħajt kollu li hemm fi Triq Antonio Azzopardi fl-akwata ta' Ta' Senna. Is-Sindku qal li huwa diġa anke għamel kuntatt mas-sid tal-ħajt dwar dan u l-amministrattiv qiegħed jaħdem mal-perit u MEUSAC biex tiġi ppreparatha l-applikazzjoni.

12.3.4 Is-Sindku tkellem fuq il-ġonna u l-*playing fields* fejn avża li tweħlu tabelli mall-entraturi tal-ġonna u tal-*playingfields* b'avviż biex kemm jista jkun in-nies ma joqgħodux fil-ġonna u anqas iħallu lit-tfal jagħmlu użu mill-*playingfields*. Dan l-avviż sar bħala miżura kontra COVID-19 b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet tas-saħħa biex kemm jista jkun issir prevenzjoni tat-tixrid tal-*virus*. Issa jekk jirriżulta li ħafna nies xorta jmorru kontra dan l-avviż il-kunsill jista jikkunsidra li jagħlaq il-ġonna għal kollox.

12.3.5 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li minħabba ċ-ċirkustanza preżenti ta' COVID-19 jaf ikun hemm xi tibdil fil-ħinjiet tal-ftuħ tal-uffiċju dan bħala prevenzjoni għas-saħħa tal-impjegati kollha. Is-sindku aċċerta li xorta ser jibqa jkun hemm komunikazzjoni kontinwa bejn ir-residenti u l-kunsill, iżda jaf ikun hemm ċertu limitazzjonijiet speċjalment jekk jagħti il-każ li l-uffiċju amministrattiv ikollu jopera bi *skeleton staff*.

12.3.6 Is-Sindku nforma kif fl-aħħar seduta li huwa attenda tar-Reġjun Ċentru ġiet kkonfermatha u aċċettata l-applikazzjoni li ssottometta l-kunsill b'relazzjoni ma' Skema Finanzjarja 2/2019 – Għajnuna għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru. Fil-jiem li ġejjien il-kunsill dalwaqt għandu jirċievi din l-aħbar uffiċjalment mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru.

12.3.7 Is-Sur Dalli qal ukoll li fl-aħħar seduta li huwa attenda tar-Reġjun Ċentru ġiet approvatha l-proposta tal-kunsill biex mill-fondi li għandhom jitqassmu ta' madwar €34,000 il-kunsill jagħmel użu ta' €18,000 minnhom biex ikompli jibdel il-fanali fir-raħal. Kif il-kunsill jirċievi din l-aħbar b'mod uffiċjali mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru, għandu jibqa jibdel il-fanali bil-mod. Is-Sindku tal-parir li l-ewwel jinbidlu madwar sitt fanali fejn is-Salvatur il-Qadim u tnejn fi sqaq nru 6 fi Triq il-Forn.

12.3.8 Is-Sindku spjega kif il-ħames fanali LEDs li l-kunsill applika għalihom taħt l-iskema ta' fondi mgħottija minn Aġenzija LESA u kif maħruġa minn l-AKL, tweħlu il-ħamsa li huma. Is-Segretarju Eżekuttiv issa ser tieħu ħsieb li tieħu ritratti ta' dawn il-fanali u timla rapport finali bid-dettalji kollha ta' dan il-proġett kif huwa rikjest li jsir sabiex il-kunsill ikun eliġibbli biex jieħu l-fondi. Dan ir-rapport għandu jintbgħat għall-approvazzjoni tal-AKL u kif ikun approvat awtomatikament il-kunsill jieħu l-fondi li huma allokati lilu. Il-Kunsill għandu l-possibilta li jiprovdi dan ir-rapport sal-31 ta' Diċembru 2020.

12.3.9 Is-Sindku nforma li huwa riċenti ltaqgħa ma' uffiċjal ta' Transport Malta fejn dan l-uffiċjal tah parir ta' x'jista jsir fi Triq Preziosi Sqaq nru 2 biex titnaqqas il-problema ta' aċċess u parkeġġ illegali li kienet qed ikun hemm ta' spiss f'dan l-isqaq. Ser ikun qed isiru xi arranġamenti u linji ġodda f'dan l-isqaq kif ġie ssuġġeriet minn TM.

12.3.10 Is-Sur Dalli qal li avviċinah uffiċjal minn TM bi proposta daqsxejn stramba biex it-triq fejn hemm iċ-ċimiterju tal-Abbati ssir one-way; bi dħul minn fejn Ħalmann u ħruġ minn fejn hemm l-uffiċini ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li huwa avża lil dan l-uffiċjal biex qabel ma tiġi mplementatha sistema ta' one-way f'din it-triq, TM għandha tikkonsulta mal-kunsill diment li din it-triq taqa taħt ir-responsabbilta tiegħu. Is-Sur Dalli talab lil dan l-uffiċjal biex tintbgħat imejl uffiċjali lil kunsill b'din il-proposta għaliex il-kunsill tajjeb li jkun involut f'implementazzjonijiet bħal dawn u kif ippuntat tajjeb ukoll is-Sinjorina Farrugia l-kunsill anke jrid jikkonsulta minn qabel man-nies li jgħixu f'din it-triq u kif ukoll mal-bdiewa.

12.3.11 Is-Sindku tkellemu fuq Triq Annibale Preca u x-xogħol li qed isir fiha minn IM. Huwa qal kif il-kunsill kontinwament qiegħed jitħabat u jagħmel mill-aħjar biex iġiegħel lil kuntrattur jagħti tindifa tat-triq ħalli jaqta ftit mit-trab. Ir-residenti bir-raġun kuljum qed iċemplu jilmentaw dwar it-trabijiet li hemm u ma jistgħux jgħixu aktar f'dak l-istat. Is-Sindku qal li jekk il-kuntrattur mhux ser jikko-opera u jġib *bowser* biex jaħsel it-triq il-kunsill ser ikollu jġib *bowser* hu biex inaddaf it-triq u umbagħad jiċċarġja lil kuntrattur ta' din l-ispiża.

## 12.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

12.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub kien hemm tlieta, mingħand is-Sinjorina Lorraine Farrugia. Kopja tal-mistoqsijiet annessi mal-minuti. Il-mistoqsijiet kollha kienu relatati ma' punti li diġa ġew elenkati fis-seduta preċedenti.

12.4.2 Is-Sindku Anthony Dalli wieġeb għal dawn it-tlett mistoqsijiet billi qara r-risposta li huwa kien pprepara għal kull mistoqsija qabel il-laqgħa.

12.4.3 B'relazzjoni ma' l-ewwel mistoqsija li kienet titratta dwar il-ħsieb li Triq Fernand Gregh u Triq Sir Ugo Mifsud isiru *one-way,* s-sindku wieġeb li iva f'każ li jkun hemm qbil bejn il-kunsill kollu li dawn jiġu *one-way*, qabel ma tittieħed deċiżjoni finali ser ssir konsultazzjoni mar-residenti. Huwa tajjeb li l-kunsill ikollu ukoll l-opinjonijiet tar-residenti li jgħixu f'dan it-toroq. Rigward Triq Sir Ugo Mifsud is-sindku qal li diġa jidher li hemm ħafna residenti li qed jitolbu lil IM biex wara li din it-triq tiġi *re-surfaced* issir *one-way.*

12.4.4 Fuq it-tieni mistoqsija li kienet titratta dwar l-applikazzjonijiet tal-ippjanar is-Sindku wieġeb li l-kunsill għadu ma rċieva l-ebda aħbar dwar is-*site visit* li kellha ssir inkonnesjoni mal-applikazzjoni tal-ippjanar li hemm fi Triq Fernand Gregh. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li jiltaqgħa xi *consultation board* fuq xi applikazzjoni tal-ippjanar li diġa qiegħda nseħħ il-kunsill oġġezzjoni għaliha, il-kunsill dejjem ser jibqa jattendi għal *consultations* biex iżżomm ruħu aġġornat.

12.4.5 Dwar l-aħħar mistoqsija fuq talba ta' bozza fuq arblu fi Triq Ħalmann is-sindku wieġeb li huwa għamel kuntatt mal-kuntrattur u ħa parir mingħandu dwar l-installazzjoni ta' din il-bozza. Il-Kuntrattur qal li biex din il-bozza ssir jridu jsiru żewġ arbli. Is-Sindku qal li huwa ser ikompli jikkonsulta mal-kuntrattur dwar din il-kwistjoni għaliex l-ewwel u qabel kollox il-kuntrattur irid jiprovdi lil kunsill bi kwotazzjoni ta' din l-ispiża. Din il-bozza alissa ser titnizzel mal-lista ta' xogħlijiet pendenti li għandu l-kunsill.

12.4.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia żiedet tgħid li l-kunsill jista jiprova wkoll jakwista l-installazzjoni ta' din il-bozza mingħand Enemalta.

## 12.5 Korrispondenza

12.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 0186/20 – '*Wasteserv update meeting- Lija LC'* u xtaqet tkun taf fuq xix titratta. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dik kienet imejl li titratta dwar meeting li sar bejn il-kunsill u rappreżentanta ta' wasteserv.

12.5.2 Is-Sur Zahra xtaqt ikun jaf dwar xiex hija relatata korrispondena nru 0196/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dik kienet korrispondenza bejn il-kunsill u s-sanita. B'permezz ta' din il-korrispondenza l-kunsill informa lis-sanita li tpoġġew kaxex tal-velenu fil-ġnien Ċentru Rikreattiv u peress li trid issir manutenzzjoni fuq dawn il-kaxxi minn żmien għal żmien il-kunsill talab għal-għajnuna tas-sanita u biex issir din il-manutenzzjoni minn naħa tagħhom. Is-sanita nfatti ser tgħin f'dan il-proċess.

12.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet domanda fuq korrispondenza nru 0201/20. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik kienet korrispondenza mibgħuta minn residenta li toqgħod fi Triq Kjeriku Ġakbu Abela fejn qed titlob biex it-triq issir *one-way* għaliex saret traffikuża u perikoluża ħafna.

12.5.4 Is-Sur Daniel Mallia xtaqt klarifika fuq korrispondenza nru 0204/20 – *Health and safety*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakritu li fil-laqgħa li għaddiet il-kunsill approva biex isir *risk assesment* ġdid għall-binja tal-kunsill biex żgur ikun inregola ma' ċertu direttivi li għandhom x'jaqsmu mas-sigurta fuq il-post tax-xogħol.

12.5.5 Is-Sur Zahra għamel domanda fuq korrispondenza nru 0206/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li dik kienet imejl li bgħat il-kappillan fejn talab għall-għajnuna tal-kunsill biex jagħmel kuntatt ma' Enemalta dwar arblu li qed jagħmel ħsara fuq il-faċċata tal-kappella ta' Sant Andrija.

12.5.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xiex titratta korrispondena nru 0173/20 bl-isem SPI/SCI072019-Finanzjament ta' proġett kapitali apparat għal sistemi ta' rrigazzjoni - Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet imejl li ntbagħtet mingħand id-dipartiment tal-Gvern Lokali lil kunsilli lokali kollha fejn ġie kkomunikat li d-*deadline* biex titwettaq sistema ta' rrigazzjoni ġie estiż.

12.5.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xiex titratta korrispondenza nru 0218/20 bl-isem Nieħdu ħsieb Ħal Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha li dik kienet imejl mingħand residenta fejn ilmentat mal-kunsill dwar l-istat ta' Triq Annibale Preca u x-xogħlijiet li qed isiru minn IM. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif il-kunsill għadda dan l-ilemt għall-attenzjoni ta' IM biex tittieħed azzjoni mmedjatha.

## 12.6 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kif kien ġie miftiehem fis-seduta li għaddiet saru l-*interviews* nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2020 mit-3:00pm il-quddiem. Kien hemm b'kollox tlett persuni li applikaw għas-sejħa ta' skrivan fuq bażi P/T pero saru żewġ *interviews* biss għaliex persuna minnhom waqgħet l-applikazzjoni tagħha.

12.6.2 Preżenti waqt l-*interviews* kien hemm is-Sindku u l-kunsilliera kollha flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Dakinhar stess li saru l-*interviews* il-Kunsill unanimament qabel li s-Sinjura Dianne Abela Penza tiġi magħżulha bħala l-aqwa kandidata eliġibbli għal din il-pożizzjoni.

12.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija nnotifikat lis-sinjura Penza bid-deċiżjoni tal-kunsill. Wara li ġiet mgħottija din l-aħbar is-Sinjura Penza talbet biex terġa tiltaqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel xi klarifikazzjonijiet oħra żgħar rigward din il-vakanza.

12.6.4 Is-Sinjura Penza aċċettat din il-pożizzjoni bil-kundizzjonijiet kollha relatati. Il-kunsill ġie nfurmat mis-sinjura Penza li hija għandha perjodu ta' *notice* x'taħdem ta' madwar tlett xhur, relatata max-xogħol eżistenti tagħha. Is-Sinjura Penza għandha tinforma lil kunsill meta hija ser tagħti r-riżenja tagħha lil min qed iħaddimha bħalissa, li fl-intenzjoni tagħha għandha tkun lejn nofs April. Kif hija tinforma lil kunsill b'dan is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-entita ETC.

## 12.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

12.7.1.1 <u>*Approvazzjoni ta' tlett kwotazzjonijiet – Servizz ġdid ta' DPO*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' DPO, għal sena. Hija qalet li s-servizz ta' DPO li għandu l-kunsill bħalissa daqt jiskadi fl-aħħar ta' Mejju. Hemm bżonn li l-kunsill jaħseb għal futur biex dan is-servizz jibqa jingħata b'mod normali mill-1 ta' Ġunju, 2020.

12.7.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel biex tintgħażel dejjem l-irħas kwotazzjoni, pero qabel ma tittieħed deċizjoni finali, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikomplu jiddiskutu din il-kwotazzjoni aktar fid-dettal.

12.7.2.1 <u>Ħruġ ta' sejħa ta' offerti għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill dokument ta' *tender* għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Dan it-*tender* hemm bżonn jinħareġ mill-ġdid peress li l-kuntratt eżistenti ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2020. Kopja ta' dan id-dokument tat-tender intbgħatet lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

12.7.2.2 Il-Kunsill unanimament approva l-ħruġ ta' *tender* ġdid għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Dan it-*tender* issa għandu jintbgħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kif ikun approvat jittella fuq is-sistema tal-EPPS.

12.7.3.1 <u>Ħruġ ta' sejħa ta' offerti għax-xogħlijiet ta' *patching*, tranġar ta' bankini u xogħlijiet oħra</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-jiem li ġejjien anke ser ikun qed jiġi ppreparat *tender* għax-xogħlijiet ta' *patching*, tranġar ta' bankini u xogħlijiet oħra, dan wara li s-sindku esprima xewqa li l-kunsill jkollu kuntrattur speċifiku biex isiru dawn ix-xogħlijiet. Dan bl-iskop li l-prezz ikun aktar stabli għal erbgħa snin kurrenti. Dan it-*tender* ser ikun qed jiġi kkumpilat mill-Perit tal-kunsill jew persuna oħra teknika.

12.7.3.2 Il-Kunsill ħa nota ta' din l-informazzjoni u l-membri kollha qablu mal-ħruġ ta' din is-sejħa.

12.7.4.1 <u>Opportunita' ta' fondi tal-EU taħt Miżura 4.4 - Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li reġgħat ħarġet opportunita' ta' fondi tal-EU taħt miżura 4.4 li titratta fuq restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Hija qalet li l-kunsill diġa kien applika fil-passat għal fondi taħt din il-miżuri, fejn l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet aċċettata u attwalment din l-applikazzjoni qiegħda nseħħ.

12.7.4.2 Minkejja li taħt din il-miżura l-kunsill diġa għandu applikazzjoni waħda ma jfissirx li ma jistax japplika għal darboħra. Infatti s-Sindku huwa tal-parir li l-kunsill jerġa japplika għal dawn il-fondi u dan biex jigi rrestawrat il-ħajt tas-sejjieħ kollu fi Triq Antonio Azzopardi. Fl-opinjoni tas-sindku dan il-ħajt għandu bżonn ta' tranġar u restawr intensiv. Is-

Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa għaddiet din il-komunikazzjoni kollha lil kunsilliera b'permezz ta' imejl li fiha kienet tinkludi ritratti ta' dan il-ħajt bħala referenza.

12.7.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu hija u s-sindku għamlu skype call ma' rappreżentanta ta' Meusac fejn din ir-rappreżentanta spjegat dwar xix titratta miżura 4.4 u x'informazzjoni hemm bżonn tingħabar biex issir l-applikazzjoni. Hija spjegat kif l-kunsill kull ma jrid jagħmel huwa li jiprovdi lista ta' affarijiet neċessarji flimkien mal-perit biex Meusac umbagħad tkun tista tgħin billi tifformukla l-applikazzjoni. Din ir-rappreżentanta gwidat lil kunsill bil-passi li għandu jieħu u bgħatet lista ta' affarijiet li trid tiġi mħejjija sat-3 ta' April 2020, f'każ li huwa nteressat.

12.7.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija dejjem ser tagħmel mill-aħjar biex jiġu ppreparati d-dokumenti kollha meħtieġa minn naħa tal-amministrattiv minkejja xi diffikultajiet preżenti relatati ma' COVID-19 li jafu jirriżultaw fi problema ta' *skeleton staff.* Hawnhekk is-sindku qal li f'każ li jkun hemm xi diffikulta ser jerfa r-responsabbilta hu billi jagħti daqqa t'id bl-aħjar mod possibbli biex il-kunsill idaħħal l-applikazzjoni tiegħu fil-ħin. Is-Sur Dalli qal li huwa lest jagħmel minn kollux biex jgħin ħalli l-kunsill ma jitlifx din l-opportunita ta' fondi.

12.7.4.5 Il-kunsill unanimament qabel dwar dan l-item u li l-kunsill jerġa japplika bl-għajnuna ta' Meusac għal Miżura 4.4 biex jigi rrestawrat il-ħajt fi Triq Antonio Azzopardi.

12.7.5.1 <u>Informazzjoni dwar *online platform 'YouSafe'* – Inizjattiva tal-AKL</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera b'inizjattiva partikulari li ħadet l-AKL minħabba ċirkustanzi preżenti nazzjonali relatati ma' *COVID-19.*

12.7.5.2 B' konsultazzjoni li saret mal-ANSEK, l-AKL ħadmet fuq pjattaforma sabiex fl-eventwalita' li jkun hemm *lockdown* nazzjonali tkun tista' tibqa' għaddejja l-komunikazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u r-residenti. Barra minn hekk din il-pjattaforma ser tati ċ-ċans illi l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar mingħajr il-ħtieġa li jieħdu l-*leave* personali tagħhom.

12.7.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega kif din il-pjattaforma tikkonsisti f' *Facebook Page* bl-isem '*Yousafe*' bi 68 grupp. Kull grupp ifisser Kunsill Lokali differenti, fejn l-amministraturi ta' kull grupp iridu jkunu s-Sindku u s-Segretraju Eżekuttiv, u l-ħaddiema klerikali tal-kunsill jkunu moderaturi.

12.7.5.4 Hawnhekk is-Sinjorina Pamela Borg ħeġġet lil kunsilliera kollha li għandhom *Facebook* biex jagħmlu *like* fuq il-paġna '*Yousafe'* u jingħaqdu fil-grupp '*YousafeLija*'. Kunsilliera li m'għandhomx *facebook* huma mħeġġa biex jiftħu *account* u jagħmlu l-istess. Huwa tajjeb ukoll jekk il-kunsilliera jibdew iħeġġu lir-residenti biex jagħmlu parti huma ukoll minn din il-pjattaforma.

12.7.5.5 Il-membri kollha preżenti waqt din il-laqgħa ħadu nota ta' din l-informazzjoni. Is-Sur Daniel Mallia qal li huwa nfatti tefa xi nformazzjoni f'dan il-grupp u anke qed iħajjar lil xi ħwienet fi Ħal Lija li jaf jagħmlu *deliveries* tal-ikel biex jingħaqdu fil-grupp u jagħmlu *share* ta' nformazzjoni valida li residenti jistgħu jagħmlu użu minnha. Is-Sur Dalli jaqbel ma' din l-inizjattiva.

12.7.5.6 B'relazzjoni ma' dan l-*item* is-sinjorina Lorraine Farrugia tal-parir li kemm fuq il-paġna tal-kunsill u kif ukoll fuq il-grupp *YousafeLija* tittella *post* bil-*mobile numbers* u l-ismijet tal-kunsilliera kollha biex min ikun irid jitkellem mal-kunsilliera dwar dawn iċ-ċirkustanzi faċilment ikun jista jagħmel dan. Jidher li ħadd mill-kunsilliera preżenti ma jsib oġġezzjoni li tittella *post* fuq FB b'din l-informazzjoni u s-Sindku ħa dan il-parir inkunsiderazzjoni.

12.7.6.1 <u>Miżuri ta' prevenzjoni kontra COVID-19 biex l-operat tal-kunsill kemm jista jkun jibqa għaddej b'mod normali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet il-pre-okkupazzjoni tagħha dwar COVID-19 u l-ħsieb dwar kif il-kunsill jista jibqa jopera f'dawn iċ-ċirkustanzi speċjalment jekk is-sitwazzjoni tigrava. Hija spjegat kif hi personalment bħala segretarju eżekuttiv u l-komplament tal-impjegati bil-qalb kollha lesti li jibqgħu jaħdmu u joffru s-sapport totali tagħhom, anke f'eventwalita li jsir *lockdown* nazzjonali. Għalhekk hija ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-kunsill l-idea li tiġi mplementata sistema ta' VPN biex b'hekk l-impjegati tal-kunsill inkluż hija stess ikunu jistgħu faċilment ikomplu bl-operat u l-ħidma tagħhom fejn jaħdmu mid-dar b'aċċess għall-*files* kollha tal-kunsill - *teleworking*.

12.7.6.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fejn qalet li apparti sistema ta' VPN il-kunsill jista anke jikkunsidra li jixtri żewġ *mobiles* oħra li ma jiswewx ħafna flus fejn il-linja tat-telefon tiġi *diverted* fuqhom biex b'hekk l-impjegati jkunu jistgħu jkompli bil-ħidma tagħhom fejn faċilment jibqgħu jirċievu telefonati mingħand ir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qablet u qalet li din hija ħaġa oħra li tista ssir u tiġi kkunsidratha f'din l-eventwalita.

12.7.6.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Mallia hawnhekk qal li għalkemm għadha mhux ċara l-kwistjoni li jsir *lockdown*, huwa jaqbel li l-kunsill jaħseb bil-quddiem speċjalment fl-eventwalita li l-kwistjoni tal-*lockdown* tista tkun waħda realistika.

12.7.6.4 Is-Sindku qal li l-kunsill m'għandux għalfejn jaġġel fid-deċiżjoni tiegħu u din hija problema li kulħadd qed jaffaċja fuq bażi nazzjonali. Huwa qal li l-kunsill huwa kkunsidrat bħal dipartiment tal-Gvern u għalhekk irrid jimxi fuq l-istess istruzzjonijiet li qed jiġu mgħottija lil entitajiet tal-Gvern. Is-Sur Dalli żied jgħid li f'każ li jkun ser isir *lockdown* il-kunsill għandu jerġa jiltaqgħa b'urġenza biex jiddiskuti s-sitwazzjoni u jieħu deċizjoni dwar x'miżuri jistgħu jittieħdu dak il-ħin. Alissa huwa kmieni wisq biex il-kunsill jieħu deċiżjoni.

12.7.7.1 <u>Talba – Bozza ġdida fi Triq Annibale Preca</u>
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet talba biex issir bozza ġdida fi Triq Annibale Preca l-isfel mill-Mitħna. Hija spjegat kif propja qed tissuġġerixxi li ssir bozza fl-isqaq nru 2 ta' Triq Annibale Preca. Fl-opinjoni tagħha l-isqaq sar *steep* ħafna u hemm lok li ssir bozza oħra.

12.7.7.2 Rigward dan is-sindku qal li l-kunsill ser jgħaddi dan is-suġġeriment lil kuntrattur tad-dawl biex itina parir hu dwar x'inu l-aħjar isir u jekk mhux viabli li ssir installazzjoni ta' bozza ġdida f'dan l-isqaq. Is-Sindku talab anke lis-sinjorina Lorraine Farrugia biex tibgħat ritratt eżatti tas-sit ta' fejn hija qed tissuġġerixxi li ssir din il-lampa.

12.7.7.3 Is-sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet ukoll dwar meta ser jitweħħel l-isem mal-ħajt ta' dan l-isqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li plakka bl-isem tat-triq ġiet ordnata u qiegħda l-kunsill. Hija qalet li kull ma baqa li din il-plakka titweħħel mal-ħajt pero l-ħaddiema tal-kunsil m'għandhomx għodda neċessarja biex jittaqbu toqob fil-ħitan ħalli din il-plakka tkun tista titweħħel. Għalhekk hija spjegat kif din il-plakka bl-isem tat-triq ser titweħħel mill-kuntrattur tat-tabelli u sinjali u alissa tniżlet ma' lista ta' tabelli oħra li għandhom jiġu mplementati d-darba li jmiss meta l-kuntrattur iżur il-lokalita.

12.7.7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia talbet biex jekk baqa ħafna żmien biex il-kuntrattur iweħħel din il-plakka bl-isem tat-triq, alissa jsiru tabelli temporanji kif kienu saru fl-akwata ta' Ħalmann. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din mhux problema ta' xejn u hija ser tiċċekja biex jekk filkas alissa jsir isem tat-triq temporanju.

## 12.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita' – l-ewwel laqgħa għas-sena 2020

12.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Pero minħabba ċirkustanzi kurrenti relatati ma' COVID-19 din il-laqgħa mhux ser issir u skond struzzjonijiet mgħottija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali (direttiva 2/2020) u l-AKL alissa ser tiġi sospiża.

12.8.2 B'relazzjoni ma' dan is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija xorta waħda laħqet ippreparat ir-rapport amministrattiv għas-sena 2019 u ser tibgħat kopja tiegħu għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha biex ituh daqqa t'hawn meta jkollhom ċans. Barra minn hekk fakret lil dawk il-kunsilliera li għadhom ma daħlux ir-rapporti ta' ħidma tagħhom relatati mal-oqsma li huma responsabbli għalihom biex dawn jiġu nklużi mal-kumplament tar-rapport amministtrattiv.

12.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif li kieku saret din il-laqgħa tal-lokalita' flimkien mar-rapport amministrattiv kienu jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarji li ġew approvati f'seduta 11 u l-aħħar verżjoni riċenti li għandu l-kunsill tal-pjan ta' ħidma. Il-kunsill unanimament approva r-rapport amministrattiv u l-punti kolla ta' din is-sezzjoni.

## 12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

12.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 04 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €72.97 għax-xahar ta' Frar.

12.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien ssekondat mis-Sindku Anthony Dalli. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn l-iskeda tal-pagamenti nkluż ir-rapport tal-*petty cash* ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb li dawn jiġu ffirmati.

## 12.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

12.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar ġodda alarmanti.

## 12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

12.11.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq punt żgħir fejn qalet li fi seduti preċedenti hija kienet ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir xi *weeding* u qtugħ ta' ħaxix ħiereġ minn bankina fi triq Kardinal Ferretti. Hija qalet li sar nofs il-qtugħ ta' dan il-ħaxix u l-kumplament għadhu hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li suppost dan huwa każ magħluq għaliex dan l-ilment mill-ewwel kien ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-*isweepers* biex isir *weeding* u anke sar xi qtugħ mill-kuntrattur tal-ġonna. Filfatt dan l-ilemt anke kien ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-*contracts manager*. Is-Segretarju Eżekuttiv se terġa tindaga dwar dan u ser tieħu azzjoni kif meħtieg. Is-Sindku anke ser imur fuq il-post jiċċekja.

12.11.3 Il-laqgħa ntemmet fil-4:45pm.

12.11.4 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 20 ta' April 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa terġa ssir onlajn fit-3:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' April 2020.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |